MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2006

Numru. 23/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**
**v**

**GORDON MICALLEF**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **GORDON MICALLEF** ta' wiehed u tletin sena bin Francis Xavier u Maria Dolores nee Farrugia, imwieled l-Kanada nhar l-ghaxra ta' Lulju 1974 u residenti 'Mapleleaf', Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 371690M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tnejn w ghoxrin ta' April 2003 u fiz-zminijiet ta' qabel, fl-Gharb, Ghawdex u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1. ghamel falsifikazzjoni f'atti awtentici u pubblici, jew skritturi kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, nkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti li dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2. talli taht l-istess cirkostanzi, xjentement ghamel uzu mill-istess skrittura jew skritturi foloz;

3. talli taht l-istess cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz;

4. talli taht l-istess cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta' kwalfiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn hdax il-elf lira maltin bi hsara ghal Gvern ta’ Malta;

5. talli taht l-istess cirkostanzi, bi hsara ghal Gvern ta’ Malta, ghamel qligh b’qerq;

6. **Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT** talli fl-erbgha w ghoxrin ta’ April 2002 u/jew f'xi dati qabel, xjentement issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana fatturi li jgibu in-numri 220.507, 220.508, 220.509, 220.510, 220.511, 220.512, 220.513, 220.514, 220.515 datati ghaxra ta' April 2002, liema fatturi juru valur inqas minn dak originali, kif wkoll dikjarazzjoni [Asycuda 1] bin-numru R09037 - 24/04/02. B'dawn l-fatturi, hu xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwarda il-valuri reali. Il-valur dikjarat fuq il-merkanzija in kwistjoni li kienet impurtata f'Malta fit-tlieta w ghoxrin ta'

April 2002, kien ta' sitt elef sebgha mija disgha w erbghin lira maltin [LM6749.00.0], Dazju w Taxxa fuq il-Valur Mizjud [VAT] imhallsa kienu ta' tmien mija u sitt liri maltin [LM806.00.0] u elf mija erbgha w tletin lira maltin [LM1134.00.0] rispettivament. Il-Valur, Dazju w il-VAT reali kellhom ikunu sbatax il-elf mija tmienja w tletin lira maltin [LM17138.00.0], elfejn u hamsa w erbghin lira maltin [LM2045.00.0] u elfejn tmin mija sebgha w sebghin lira maltin [LM2877.00.0] rispettivament. B’hekk bil-hsieb li jifforda lil Gvern ta’ Malta, xjentement kellu b’xi mod x’jaqsam filli bil-qerq jahrab Dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jammontaw ghal elf mitejn disgha w tletin lira maltin [LM1239.00.0] u elf sebgha mija tlieta w erbghin lira maltin [LM1743.00.0] rispettivament dovuti lil Gvern ta’ Malta;

7. talli fis-sebgha w ghoxrin ta’ Mejju 2002, u/jew f'xi dati qabel, xjentement issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana fatturi li jgibu in-numri 220.668 u 220.666 datati sbatax ta’ Mejju 2002, liema fatturi juru valur inqas minn dak originali, kif wkoll dikjarazzjoni [Asycuda 1] u bin-numru R21748 – 28/05/02. B’dawn l-fatturi hu xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwarda l-valuri reali. Il-valur dikjarat fuq il-merkanzija in kwistjoni li kienet impurtata f'Malta fit-tmienja w ghoxrin ta’ Mejju 2002, kien ta' elfejn sebgha mija tlieta w sittin lira maltin [LM2763.00.0], Dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud [VAT] imhallsa kienu ta' tlett mija wiehed u tletin lira maltin [LM331.00.0] u erbgha mija erbgha w sittin lira maltin [LM464.00.0] rispettivament. Il-Valur, Dazju u l-VAT reali kellhom ikunu ta’ disat elef erbgha mija u disgha liri maltin [LM9409.00.0], elf mija disgha w ghoxrin lira maltin [LM1129.00.0] u elf hames mija wiehed u tmenin lira maltin [LM1581.00.0] rispettivament. B'hekk bil-hsieb li jifforda lil Gvern ta' Malta, xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi bil-qerq jahrab Dazju u Taxxa fuq l-Valur Mizjud li jammontaw ghal sebgha mija tmienja w disghin lira maltin [LM798.00.0] u elf mija u sbatax il-lira maltin [LM1117.00.0] rispettivament dovuti lil Gvern ta' Malta;

8. talli l-ewwel ta’ Awissu 2002, u/jew f'xi dati qabel, xjentement issottometta lid-Dipartiment tad-

Dwana fatturi li jgibu n-numri 220.883 u 220.884 datati sittax ta' Lulju 2002, liema fatturi juru valur inqas minn dak originali, kif wkoll dikjarazzjoni [Asycuda 1] bin-numru R46310 – 01/08/02. B'dawn l-fatturi hu xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwarda l-valuri reali. Il-valur dikjarat fuq il-merkanzija in kwistjoni li kienet impurtata f'Malta fl-ewwel ta' Awissu 2002, kien ta' hamest elef mitejn sebgha w sittin lira maltin [LM5267.00.0]. Dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud [VAT] imhallsa kienu ta' sitt mija tnejn u tletin lira maltin [LM632.00.0] u tmien mija hamsa w tmenin lira maltin [LM885.00.0] rispettivament. Il-Valur, Dazju u l-VAT reali kellhom ikunu erbatax il-elf u tmienja w ghoxrin lira maltin [LM14028.00.0], elf sitt mija erbgha w tmenin lira maltin [LM1684.00.0] u elfejn tlett mija sebgha w hamsin lira maltin [LM2357.00.0] rispettivament. B'hekk bil-hsieb li jifforda lil Gvern ta' Malta, xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi bil-qerq jahrab d-Dazju w it-Taxxa fuq l-Valur Mizjud li jammonta ghal elf u tnejn u hamsin lira maltin [LM1052.00.0] u elf erbgha mija tnejn u sebghin lira maltin [LM1472.00.0] rispettivament dovuti lil Gvern ta' Malta;

9. talli fit-tmintax ta' Settembru 2002 u/jew f'xi dati qabel, xjentement issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana fatturi li jgibu in-numri 230.064, 230.065, 230.066 datati erbgha ta' Settembru 2002, liema fatturi juru valur inqas minn dak originali, kif wkoll dikjarazzjoni [Asycuda 1] bin-numru R60679 – 18/09/02. B'dawn l-fatturi hu xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwarda l-valuri reali. Il-valur dikjarat fuq il-merkanzija in kwistjoni li kienet impurtata f'Malta fl-erbgha ta' Settembru 2002, kien ta' tlett elef hames mija tmienja w hamsin lira maltin [LM3558.00.0], Dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud [VAT] imhallsa kienu ta' erbgha mija sebgha w ghoxrin lira maltin [LM427.00.0] u hames mija tmienja w disghin lira maltin [LM598.00.0] rispettivament. Il-Valur, Dazju u l-VAT reali kellhom ikunu disat elef mija u sebgha liri maltin [LM9107.00.0], elf wiehed u disghin lira maltin [LM1091.00.0] u elf hames mija u tletin lira maltin [LM1530.00.0] rispettivament. B'hekk bil-hsieb li jifforda lil Gvern ta' Malta, xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi bil-qerq jahrab t-Taxxa fuq l-Valur Mizjud li jammonta ghal

sitt mija erbgha w sittin lira maltin [LM664.00.0] u disgha mija tnejn u tletin lira maltin [LM932.00.0] rispettivament dovuti lil Gvern ta' Malta;

10. talli fit-tnejn w ghoxrin ta’ Ottubru 2002, u/jew f'xi dati qabel, xjentement issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana fatturi li jgibu in-numri 230.161, 230.162, 230.163, 230.164 datati erbgha ta’ Ottubru 2002, liema fatturi juru valur inqas minn dak originali, kif wkoll dikjarazzjoni [Asycuda 1] bin-numru R73652 – 22/10/02. B'dawn l-fatturi hu xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwarda l-valuri reali. Il-valur dikjarat fuq il-merkanzija in kwistjoni li kienet impurtata f'Malta fit-tlieta w ghoxrin ta’ Ottubru 2002, kien ta' tlett elef hames mija tmienja w erbghin lira maltin [LM3548.00.0], Dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud [VAT] imhallsa kienu ta' erbgha mija sitta w ghoxrin lira maltin [LM426.00.0] u hames mija sitta w disghin lira maltin [LM596.00.0] rispettivament. Il-Valur, Dazju u l-VAT reali kellhom ikunu disat elef tlett mija hamsa w tmenin lira maltin [LM9385.00.0], elf mija w erbgha lira maltin [LM1104.00.0] u elf hames mija u tlieta w sebghin lira maltin [LM1573.00.0] rispettivament. B'hekk bil-hsieb li jifforda lil Gvern ta' Malta, xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi bil-qerq jahrab t-Taxxa fuq l-Valur Mizjud li jammonta ghal sitt mija tmienja w sebghin lira maltin [LM678.00.0] u disgha mija sebgha w sebghin lira matlin [LM977.00.0] rispettivament dovuti lil Gvern ta' Malta;

11. talli fit-tnejn w ghoxrin ta’ April 2003, u/jew f'xi dati qabel, xjentement issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana fatturi li jgibu in-numri 230.234 datata wiehed w ghoxrin ta’ Marzu 2002, liema fattura turi valur inqas minn dak originali, kif wkoll dikjarazzjoni [Asycuda 1] bin-numru R34364 – 22/04/03. B'dawn l-fatturi hu xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwarda l-valuri reali. Il-valur dikjarat fuq il-merkanzija in kwistjoni li kienet impurtata f'Malta fit-tlieta w ghoxrin ta’ April 2003, kien ta' disgha mija disgha w sebghin lira maltin [LM979.00.0], Dazju u Taxxa fuq il-Valur Mizjud [VAT] imhallsa kienu ta' mija u sbatax il-lira maltin [LM117.00.0] u mija erbgha w sittin lira maltin

[LM164.00.0] rispettivament. Il-Valur, Dazju u l-VAT reali kellhom ikunu elfejn erbgha mija sitta w tmenin liara maltin [LM2486.00.0], mitejn tmienja w disghin lira maltin [LM298.00.0] u erbgha mija u tmintax il-lira maltin [LM418.00.0] rispettivament. B'hekk bil-hsieb li jifforda lil Gvern ta' Malta, xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi bil-qerq jahrab t-Taxxa fqu l-Valur Mizjud li jammonta ghal mija wiehed u tmenin lira maltin [LM181.00.0] u mitejn erbgha u hamsin lira maltin [LM254.00.0] rispettivament dovuti lil Gvern ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sitta ta' Marzu 2006 [fol 57] sabiex fin-nqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta, l-Letter to Prosecute markata bhala document CSH 2 mahruga mid-Dipartiment tad-Dwana [fol 7] sabiex jittiehdu l-proceduri odjerni kontra l-imputat, l-Letter to Prosecute markata bhala dokument VAT mahruga mill-Ministeru tal-Finanzi [fol 49] sabiex jittiehdu passi kontra l-imputat talli kiser l-provvedimenti tal-Att Dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud kif wkoll zewg stqarrijiet rilaxxjati mill-imputat stess nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Settembru 2003 markata bhala dokument CSH 3 [fol11] u ohra datata l-ewwel ta' Ottubru 2004 markata bhala dokument CSH 4 [fol 13].

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tas-sitta w ghoxrin ta' Ottubru 2006 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta [fol 240].

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tas-sitta w ghoxrin ta' Ottubru 2006.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid

jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil partijiet jiddikjaraw li qed jirrimettu ruhhom ghal atti processwali fis-seduta tas-sitta w ghoxrin ta' Ottubru 2006 [fol 240].

Rat wkoll l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 5 tal-atti bhala dokument CSH u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-istess imputat ghandu biss kontravenzjoni wahda registrata fuqha w ghalhekk ghandha tittratta mieghu bhala li hu *a first time offender*.

Rat li *pendente lite* l-imputat hallas dak kollu dovut lid-Dipartimenti tal-VAT u tad-Dwana u li llum il-gurnata dawn id-dipartimenti m'ghandhom ebda pretenzjoni ulterjuri fil-konfront tal-imputat.

Ghalhekk fic-cirkostanzi **il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 18, 183, 184, 188, 308, 309, 310 tal-Kodici Kriminali, l-artikolu 18, 62(f)(g)(h)(m)(i) u l-proviso tal-artikolu 62 tal-Kap 37; l-artikolu 18A tal-Kap 337 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 80 tal-Att XXIII tas-sena 1998, **tiddikjara li qed issib lil imputat GORDON MICALLEF hati tal-akkuzi kollha kif ammessi minnu stess, salv u b'eccezzjoni ghal akkuzi naxxenti mill-Orindanza tad-Dwana u dan ghar-raguni segwenti mill-liema akkuzi l-Qorti qed tastjeni li tiehu konjizzjoni ulterjuri.**

**Il-Qorti rat l-verbal tal-partijiet registrat fl-atti nhar s-sitta w ghoxrin ta' Ottubru 2006 fejn gie verbalizzat "pendente lite l-imputat irregola ruhu mad-Dipartiment tad-Dwana u hallas dak kollu li gie mitlub ihallas lid-Dipartimenti tad-Dwana u VAT w illum dawn d-dipartimenti m'ghandhom ebda pretenzjoni ulterjuri kontra l-imputat."**

**Rat l-artikolu 63A(1) tal-Kap 37 li jistipula li "minkejja kull disposizzjoni ta' din l-Orindanza, il-Kontrollur jistabiss, sa fejn jirrigwarda d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jidhol fi ftehim bil-miktub ma dak li jkun ghamel l-offiza, li dak li jkun ghamel l-offiza jhallas soma ekwivalenti ghal multa li kienet tkun dovuta bhala penali skond d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, u ma l-iffirmar ta' kull ftehim bhal dak mal-Kontrollur u dak li jkun ghamel l-offiza, kull responsabbilita kriminali taht din l-Ordinanza ta' dak li jkjun ghamel l-offiza fir-rigward tal-ofizi li dwarhom ikun sar l-ftehim jigi estint."**

**Rat wkoll dak li jiddisponi s-sub artikolu (3) tal-istess artikolu 63A(1) li jipprovdi li "d-disposizzjonijiet tas-sub artikolu (1) ma japplikawx ghal rigward li reat dwar oggetti msemmija fl-iskeda li tinsab ma din l-Ordinanza."**

**Issa f'dan il-kaz, jirrizulta li l-oggetti 'n kwistjoni, mhux dawk misjuba fl-iskedi annessi mal-Ordinanza w ghalhekk s-sub artikolu (1) tal-artikolu 63A japplika u llum din l-azzjoni tinsab estinta u ghalhekk tastjeni mill-tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.**

**Dwar l-akkuzi naxxenti mill-artikolu 18A tal-Kap 337, il-Qorti tiddikjara stante li sabitu hati taghhom, li ghandu jhallas multa ta' elf mija w ghaxar liri maltin [LM1,110], rappresentanti din is-somma 10% tad-Dazju li kellu jhallas originarjament l-imputat fl-ammont ta' hdax il-elf mija u sebgha liri [LM11,107].**

**Pero dwar l-akkuzi l-ohra kif moghtija mill-Avukat Generali fl-artikoli mibghuta minnu nhar s-sitta ta' Marzu 2006 [fol 57] sub inciz (a), il-Qorti qed tikkundanna lil imputat GORDON MICALLEF komplessivament ghal dawn l-istess akkuzi, ghal piena karcerarja ta' tlettax [13] il-xahar sospizi ghal sentejn [2] bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha u l-imputat minn naha tieghu ddikjara li fehem ben tajjeb tali mport.**

**Il-Qorti tordna notifika ta' din s-sentenza lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal kull interess li jista jkollu.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------